Australian Government
Department of Health and Aged Care

aged care Star Ratings



Maltese | Malti

# Klassifikazzjoni bl-istilel għad-djar għall-kura tal-anzjani

Il-Klassifikazzjoni bl-Istilel tgħinek biex tipparaguna l-kwalità tad-djar għall-kura tal-anzjani billi tuża l-għodda 'Find a provider' (Sib fornitur) fuq il-websajt ta' My Aged Care.

## X'inhuma l-Klassifikazzjonijiet bl-Istilel?

Id-djar għall-kura tal-anzjani kollha jirċievu Klassifikazzjoni bl-Istilel Ġenerali u klassifikazzjoni mqabbla ma' erba' sotto-kategoriji:

- **L-Esperjenza tar-Residenti**– kampjun ta' 10 fil-mija tar-residenti fil-kura tal-anzjani isirilhom stħarriġ kull sena dwar l-esperjenza ġenerali tagħhom tad-dar għall-kura tal-anzjani tagħhom. L-Esperjenza tar-Residenti tirrappreżenta 33 fil-mija tal-Klassifikazzjoni bl-Istilel Ġenerali.
- **Konformità** – ibbażata fuq deċiżjonijiet mill-Kummissjoni għall-Kwalità u s-Sigurtà fil-Kura tal-Anzjani inkluż konformità mal-Istandards ta' Kwalità fil-Kura tal-Anzjani. Il-konformità tirrappreżenta 30 fil-mija tal-Klassifikazzjoni bl-Istilel Ġenerali.
- **L-Impjegati** – l-ammont medju ta' ħin ta' kura li jirċievu r-residenti, ibbażat fuq il-kura imwassla minn infermiera kwalifikati, ħaddiema ta' kura personali u assistenti ta' infermiera, ikkomparata mal-livelli ta' kura medja minima imwaqqfa mill-Gvern Awstraljan. L-Impjegati jirrappreżentaw 22 fil-mija tal-Klassifikazzjoni bl-Istilel Ġenerali.
- **Miżuri ta' Kwalità** – ibbażati fuq informazzjoni dwar ħames oqsma kruċjali ta' kura, inklużi l-waqgħat u meta wieħed iweġġa' gravi, nuqqas fil-piż li ma jkunx ippjanat, feriti ta' pressjoni fuq il-ġilda, immaniġġjar ta' mediċina u l-użu ta' restrizzjoni fiżika. Il-Miżuri ta' Kwalità jirrappreżentaw 15 fil-mija tal-Klassifikazzjoni bl-Istilel Ġenerali.

## Xi jfissru l-istilel?

Djar għall-kura tal-anzjani jirċievu Klassifikazzjoni bl-Istilel bejn 1 u 5 stilel.

- Stilla 1– 'hemm bżonn ta' titjib sinifikanti'
- 2 stilel – 'hemm bżonn ta' titjib'
- 3 stilel –kwalità 'aċċettabbli' ta' kura
- 4 stilel –kwalità 'tajba' ta' kura
- 5 stilel –kwalità 'eċċellenti' ta' kura.

aged care Star Ratings

## Kemm il-darba jiġu aġġornati l-Klassifikazzjonijiet bl-Istilel?

Il-Klassifikazzjonijiet bl-Istilel huma ibbażati fuq l-aktar data riċenti li teżisti u jiġu aġġornati fi żminijiet varji:

- Klassifikazzjoni tal-Esperjenza tar-Residenti – tiġi aġġornata kull sena
- Klassifikazzjoni tal-Konformità – tiġi aġġornata kuljum
- Klassifikazzjoni tal-Impjegati – tiġi aġġornata kull tlett xhur
- Klassifikazzjoni tal-Miżuri tal-Kwalità – tiġi aġġornata kull tlett xhur.

Il-Klassifikazzjoni Ġenerali bl-Istilel tiġi ikkalkulata mill-ġdid awtomatikament meta data ġdida tkun disponibbli.

## Għalfejn għandna bżonn ta' Klassifikazzjoni bl-Istilel?

Il-Kummissjoni Rjali dwar il-Kwalità u s-Sigurtà fil-Kura tal-Anzjani enfasizzat il-bżonn ta' mod sempliċi u trasparenti biex tqabbel il-kwalità tad-djar għall-kura tal-anzjani.

Il-Klassifikazzjonijiet bl-Istilel huma ibbażati fuq informazzjoni li tista' titkejjel dwar il-kwalità tad-djar għall-kura tal-anzjani li tiġi aġġornata hekk kif informazzjoni ġdida tkun disponnibbli.

Il-Klassifikazzjoni bl-Istilel twassal firxa ta' benefiċċji, inklużi:

- trasparenza dwar il-kwalità ta' kura fid-djar għall-kura tal-anzjani kollha
- mod faċli biex tqabbel il-kwalità tad-djar għall-kura tal-anzjani bl-użu tal-għodda b'xejn 'Find a provider' (Sib fornitur) fuq il-websajt ta' My Aged Care
- miżuri nazzjonali ta' kwalità biex jimmoniterjaw, iqabblu u jtejbu l-kura residenzjali
- il-fornituri huma issapportjati biex kontinwament itejbu l-Klassifikazzjonijiet bl-Istilel tagħhom, u b'hekk itejbu l-kwalità ta' kura tar-residenti.

## Fejn insib il-Klassifikazzjonijiet bl-Istilel?

Il-Klassifikazzjonijiet bl-Istilel jinstabu permezz tal-għodda 'Find a provider' (Sib fornitur) fuq il-websajt ta' My Aged Care.

Żur **MyAgedCare.gov.au/find-a-provider** jew skennja l-kodiċi QR.

Ċempel **1800 200 422**
(Il-linja tat-telefown bla ħlas ta' My Aged Care)

Żur **MyAgedCare.gov.au/find-a-provider**

Għal servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni, ċempel 131 450 u staqsi għal My Aged Care fuq 1800 200 422. Biex tuża s-Servizz Nazzjonali tar-Relay, żur nrschat.nrscall.gov.au/nrs jew ċempel 1800 555 660.